MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Mandat Numru. 1398/2011/1

**Godfrey Camilleri**
**vs**
**Awtorita Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-6 ta Ottubru 2011;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Ottubru 2011 fejn laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimat tal-10 ta’ Ottubru 2011;

Rat li id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2011;

Rat illi r-rikors thalla ghad-digriet;

**Ikkunsidrat**

In sintesi t-tesi tar-rikorrenti hi s-segwenti. Hu ghandu appell pendenti minn decizjoni ghal rikonsiderazzjoni tal-MEPA li kkonfermat rifjut li tissanzjona binja bla permess tal-intimati. Din it-talba kienet saret fis-14 ta Settembru 2010 (PA4327/2010). Hu gie avzat fil-5 ta' Ottubru 2011 illi s-sezzjoni tal-enforzar ser tiddemolixxi l-binja pendenti dan l-appell. Qed isostni li jekk dan isir pendenti l-appell ser jingieb fix-xejn l-appell pendenti biex il-binja tigi sanzjonata u bit-twaqqiegh tal-binja ser isofri hsara irrimedjabbli. Hu zied pero li l-istess binja hi gia koperta b'enforcement notice 319/04 li pero safejn jaf, qatt ma gie notifikat bih.

L-Awtorita intimata irrispondiet preliminarjament rigward l-avviz tal-enforcement notice billi esibiet r-riferta tal-avviz datata 13 ta' Lulju 2004 (Dok. E) fejn jidher li giet notifikata Marthese Camilleri (ID20667) u ghalkemm bla obbligu r-rikorrenti gie infurmat b'ittra tat-2 ta' Marzu 2005 li l-Awtorita kienet ser tmexxi bid-direct action.

Fuq bazi legali l-Awtorita strahet fuq l-artikolu 90(3) tal-Kap. 504 li jghid li ma ghandu jinhareg ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar meta hi tkun qed tesercita l-jedd moghti lilha skond il-ligi ta' direct action salv meta jkun hemm imqajma kwistjoni taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Inoltre l-Awtorita bhala fatt tirrileva illi r-rikorrenti kien ghamel talba biex jibni agricultural store fil-15 ta' April 2003 (PA2200/03) liema talba giet rifjutata fid-29 ta' Mejju 2003 minghajr ma r-rikorrenti appella minnha. Nonostante li din hi art skedata, ir-rikorrenti ghamel binja illegali u fl-1 ta' Lulju 2004 l-Awtorita harget enforcement notice 319/04 fejn ir-rikorrenti rega' ma appellax minnu u ghalhekk l-enforcement notice saret titolu ezekuttiv. Ir-rikorrenti ipprova jsewwi s-sitwazzjoni billi talab ghal sanzjonar tal-binja bl-applikazzjoni 4327/2010 fl-14 ta' Settembru 2010 li giet rifjutata b'decizjoni tas-27 ta' Lulju 2011 u issa minnha r-rikorrenti interpona appell.

Jigi rilevat illi r-rikorrenti gie notifikat bl-enforcement notice tramite l-mara tieghu fit-13 ta’ Lulju 2004 dwar liema riferta Dok. E l-istess rikorrent ikkonferma li l-firma hi tal-mara tieghu.

Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni fuq punt simili deciz recentement fl-ismijiet **Tarcisio Borg –vs- Awtorita ta’ Malta dwar l-Ippjanar** (1114/2011SC) fejn il-Qorti qalet hekk:

”Qabel kollox irid jigi determinat jekk il-mandat mitlub mir-rikorrenti hux skond il-ligi disponibbli ghar-rikorrent fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Id-diposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 90(3) tal-Kap. 504 jipprovdi kif gej:

90.1 Jekk xi passi jew azzjoni ohra, komprizi s-sospensjoni, twaqqif jew htiega ohra bhal dik, mehtiega li jittiehdu b’avviz ta’ twettiq ma jkunux ittiehdu fiz-zmien specifikat hemmhekk, l-Awtorita tista’ tidhol fl-art, jew f’area ta’ bahar u tiehu dawk il-passi jew azzjoni ohra kif imsemmijin, inkluz l-izmantellar jew it-tnehhija ta’ xi apparat, makkinarju, ghodod, beni, vetturi jew xi oggetti ohra li jistghu jkunu fis-sit u l-ghemil ta’ kull xoghol mehtieg biex twettaq dak mitlub fl-avviz ta’ twettieq u ghal dan il-ghan tista’ titlob l-ghajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta’ kull Kunsill Lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull agenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija ghandu ghal dan il-ghan jezercita dawk is-setghat moghtija lilu bil-ligi.

90.2 Fejn it-tnehhija ta’ zvilupp illegali bilfors tinvolvi t-tnehhija ukoll ta’ zvilupp li mhux illegali, l-Awtorita tista’ tipprocedi biex tnehhi ukoll dak l-izvilupp l-iehor li t-tnehhija tieghu tkun mehtiega kif hawn qabel imsemmi.

90.3 Minkejja d-dispozizzjonijiet ta’ kul ligi ohra, u salv id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ma ghandu jinhareg jew jinghata minn l-ebda Qorti ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorita li jzommha milli tesercita xi wahda mis-setghat moghtija lilha b’dan l-artikolu.”

Fil-kaz tar-rikorrenti l-ligi ma tipprevedix fil-konfront tal-Awtorita intimata t-tehid ta’ mizura interlokutorja anzi teskludi tali mizura fir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-Awtorita intimata.”

Din il-Qorti izzid li f’din l-istanza lanqas jirrizultaw xi estremi tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea u fil-fatt lanqas sar xi accenn dwarhom mir-rikorrenti fir-rikors tieghu.

Jigi rilevat bhala fatt illi d-direct action li l-Awtorita trid tenforza tirrigwarda l-enforcement notice 319/2004 u li fuqu ir-rikorrenti ma ghandu jew fadallu ebda rimedju iehor u ghalhekk l-Awtorita hi in piena dritt li tenforza l-enforcement notice. Mhux lecitu ghar-rikorrenti li jgib fix-xejn il-provvediment tal-ligi billi wara li naqas li jiehu l-passi li taghtih il-ligi kontra enforcement notice u jhalli dan l-enforcement imur in gudikat u ghalhekk isir ezekuttiv, jiftah proceduri ohra quddiem il-MEPA ghal sanzjonar tal-istess mertu gia deciz biex jipprevjeni milli l-Awtorita tiehu direct action skond titolu gia validament akkwizit mill-istess Awtorita u li hu ghal kull fini titolu ezegwibbli rez ezegwibbli bl-intimazzjoni ufficjali tat-13 ta’ Lulju 2004. Lanqas hu lecitu ghar-rikorrenti li jissottometti li jekk l-enforcement notice jigi ezegwit, ser igib fix-xejn l-appell tieghu billi l-bini ikun tnehha, u b’hekk jista’ jkun qed jigi lez id-dritt tieghu ghal proprjeta u/jew smigh xieraq.

Din il-Qorti tirreleva illi meta sar l-bini illegali wara li kien gie rifjutat lir-rikorrenti permess biex jirregola, hu ghazel li flok juza l-mizura li taghtih il-ligi biex jopponi ghall-enforcement notice, ma jaghmel xejn. Hu minnu, kif gie sottomess illi jekk persuna tapplika biex tessanzjona bini illegali ma tistax fl-istess nifs tappella minn enforcement notice. Pero t-talba ghas-sanzjonar sar aktar minn hames snin wara li r-rikorrenti kien avzat u konsapevoli bl-avviz li l-Awtorita seghet twettaq il-jedd akkwizit taghha ta’ twaqqiegh.

Ma jistax f’dan l-istadju ghalhekk jilmenta r-rikorrent li mhux qed jinghata smigh xieraq jew li qed jigi lez id-dritt ta’ proprjeta. Dan l-istat ta’ fatt gabu b’idejh meta ghazel li

ma jiehux il-passi rimedjali li taghtih il-ligi stess meta nhareg l-enforcement notice. Hu minnu illi l-Awtorita damet ma ezegwit dan l-enforcement pero dan il-fatt ma jistax jintuza kontra l-Awtorita, anzi semmai juri illi r-rikorrenti kellu iktar minn bizzejjed zmien biex jottempera ruhu ma' decizjoni in gudikat tal-Awtorita.

La darba hu deciz li dan ir-rimedju kawtelatorju mhux disponibbli ghar-rikorrenti mhux il-kaz li l-Qorti tidhol fil-kwistjonijiet l-ohra legali ta' dak li jikkostitwixxi l-prova necessarja ghal hrug ta' mandat kawtelatorju.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tirrevoka d-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2011 fejn laqghet provvizorjament il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------